# QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI
# (SEDE SUPERJURI)

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI LL.D**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA LL.D**

**ONOR.IMĦALLEF GIOVANNI M. GRIXTI LL.D**

**Illum l-Erbgħa 16 ta' Frar 2022**

**Att ta' Akkuża Nru. 18/2008**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Carmel Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-Att ta'l-Akkuża miġjuba mill-Avukat Ġenerali kontra Carmel Camilleri detentur tal-karta ta'l-identita' numru 249955M akkużat talli fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru 1988:

**Fl-Ewwel Kap**, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt;

**Fit-Tieni Kap**, illi fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu;

**Fit-Tielet Kap**, illi mingħajr liċenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tiegħu, jew fit-toroq pubbliċi, jew fil-portijiet;

**Fir-Raba' Kap**, illi mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tiegħu, jew f'idejħ jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jagħmel miegħu.

Rat id-digriet tal-Qorti Kriminali tal-01 ta' Ġunju 2021, li permezz tiegħu akkordat it-talba tal-akkużat li jressaq eċċezzjoni ulterjuri.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari ulterjuri tal-akkużat ppreżentata nhar it-2 ta' Gunju, 2021 fejn eċċepixxa s-segwenti:

"Illi kwalunkwe dikjarazzjoni u kull stqarrija bil-miktub u bil-fomm rilaxxati mill-esponent lill-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet taghhom u waqt il-kawza ghandhom jigu dikjarati bhala nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju u ghalhekk ma ghandhomx jingiebu a konjizzjoni tal-gurati u wkoll ma ghandha ssir ebda referenza ghalihom minn ebda xhud waqt is-smiegh tal-guri."

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fid-29 ta' Lulju 2021 fejn l-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni ulterjuri tal-akkużat u ddikjarat l-istqarrijiet tas-6 u 7 ta' April 2006 rilaxxati mill-akkużat immarkati bħala Dok. CP1 u CP2 li jinsabu a fol 35 sa 42 tal-atti tal-Kumpilazzjoni flimkien mar-*recording* mmarkat bħala Dok. CP eżebit fl-atti a fol. 60 flimkien mat-traskrizzjoni tiegħu li tinsab fl-atti a fol. 61 *et seq* bħala inammissibli u għalhekk ordnat l-isfilz tagħhom.

Rat ir-rikors ta'l-appell imressaq mill-Avukat Ġenerali ppreżentat fl-04 t'Awwissu 2021 fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tgħaddi sabiex tiddeċiedi il-materja skont il-liġi u dan fl-aħjar interess u għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

Rat ir-risposta ta'l-appell ippreżentata mill-akkużat Carmel Camilleri tal-25 t' Awwissu 2021 fejn talab li l-appell tal-Avukat Ġenerali jkun miċħud u tkun konfermata s-sentenza appellata

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet is-sottmissjonijiet orali tal-partijiet

Ikkunsidrat,

**1.** Illi fl-appell minnu ntentat l-Avukat Ġenerali isib oġġezzjoni għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali li biha ordnat l-isfilz ta'l-istqarrijiet kollha rilaxxati mill-appellat Carmel Camilleri lura fis-06 u fis-07 ta' April 2006 u ta' *recording* kontenenti stqarrija oħra, immarkati bħala Dokumenti CP1, CP2 u CP rispettivament, talab lil din il-Qorti sabiex tqies il-valur probatorju ta' dawn l-istqarrijiet rilaxxati mill-akkużat (appellat f'dawn il-proċeduri) billi huwa tal-fehma illi din il-prova determinanti ma għandhiex tkun mwarrba għal motiv uniku illi huwa ma kellux jedd għall-assistenza legali meħtieġa filwaqt li potenzjalment setgħu saru dikjarazzjonijiet inkriminatorji u li sussegwentement dawn jistgħu jintużaw bħala prova fil-proċess kriminali. L-Avukat Ġenerali *in primis* jilmenta illi l-vertenza ventilata mill-appellat permezz tal-eċċezzjoni ulterjuri minnu sollevata bin-nota tat-02 ta' Ġunju 2021 illum għaddiet in ġudikat b' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-22 ta' Frar 2013 u għalhekk il-mertu huwa eżawrit u ma

jistax jerġa' jinġieb 'il quddiem għad-deċiżjoni. Jikkritika s-sentenza appellata fejn din issindikat dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali u dan għaliex, fil-fehma tiegħu, ġaldarba il-kwistjoni dwar jekk l-istqarrijiet rilaxxati mill-appellant jilledux il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kienet definittavment deċiża mil-Qorti Kostituzzjonali, kwindi ma setatx tkun determinata mill-ġdid mill-Qorti Kriminali.

**2.** Illi l-Qorti, qabel kull konsiderazzjoni fil-mertu dwar l-eċċezzjoni sollevata mill-appellat marbuta mal-inammissibilita' tal-istqarrijiet minnu rilaxxati lil pulizija meta kien interrogat in konnessjoni mal-omiċidju tal-Baruni Francis Sant'Cassia, trid tiddetermina l-ewwel aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali fejn iqajjem il-preġudizzjali tar-*res judicata* tal-kwistjoni devoluta quddiem il-Qorti Kriminali permezz tal-eċċezzjoni ulterjuri imqanqla mill-appellat. L-appellant Avukat Ġenerali jikkontendi illi l-Qorti Kostituzzjonali permezz ta' sentenza tat-22 ta' Frar 2013, inserita fl-atti proċesswali, kienet iddeċidiet illi bil-fatt li l-appellat ma kienx inghata  il-jedd għall-assistenza legali fl-interrogatorji magħmula mill-Pulizija Investigattiva, ma kenitx seħħet leżjoni tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq u kwindi l-imsemmija stqarrijiet kellhom valur probatorju fil-ġuri illi kellu jkun ċċelebrat marbut ma' dan l-omiċidju.

**3.** Illi l-Qorti Kostituzzjonali lura fis-sena 2013 kienet iddeterminat dan l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali b'dan il-mod:

> **"20. Din il-qorti ġà kellha okkażjoni illi tgħid illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u *ipso facto*, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq , iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, fosthom ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilità tal-persuna interrogata, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' leġittimità meħtieġa biex l-istqarrija titqies li ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.**

**21. Fil-każ tallum ma hemm ebda xiehda illi Carmel Camilleri kien ibati minn vulnerabilità partikolari. Fl-atti tal-inkjesta hemm ix-xiehda ta' espert mediku li eżamina l-istat mentali ta' Camilleri meta ġie arrestat. Qal illi għalkemm, naturalment, kien ansjuż, u deher li ma għandux IQ għoli, madankollu "l-istat mentali tiegħu dak il-ħin kien kapaċi jirrispondi d-domandi li għamiltlu. … … … ma kien hemm ebda sintomi ta' depression, ma kien hemm ebda sintomi ta' delużjonijiet jew xi psikosi. … … … he is of sound mind". Lanqas ma nġiebet prova illi l-istqarrija ma ngħatatx volontarjament, jew li ġiet imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.**

**22. Barra minn hekk, lanqas ma għandu għal kollox mis-sewwa li tgħid illi, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ partikolari, Camilleri ma kellux il-fakoltà vera u effettiva li jkellem avukat.**

**23. Camilleri għamel aktar minn stqarrija waħda. Fl-ewwel waħda, li saret fil-5 ta' Ottubru 2004, ċaħad kollox u tħalla ħieles. Din l-interrogazzjoni kienet biżżejjed biex turih li kien suspettat u li għalhekk kien fl-interess tiegħu li jkellem avukat. Kellu kull opportunità li jagħmel hekk sakemm reġa' ġie msejjaħ fis-6 t'April 2006 biex imur il-kwartier ġenerali tal-pulizija "b'mod ta' attendenza volontarja" u għamel stqarrija dakinhar stess, oħra fis-7 ta' April 2006 u oħra fit-8 ta' April 2006: l-istqarrijiet li dwarhom saret il-kawża tallum.**

**24. Ladarba Camilleri kien jaf li hu suspettat u kellu opportunità ampja jkellem avukat qabel ma għamel l-istqarrijiet tas-6, tas-7 u tat-8 ta' April 2006, għal din ir-raġuni wkoll l-aggravju għandu jintlaqa'.**

**25. Relevanti wkoll huwa l-fatt illi fl-istqarrijiet ta' Camilleri jissemmew dettalji li jaqblu ma' fatti aċċertati oġġettivament b'xiehda oħra u li għalhekk ma jagħtikx x'taħseb illi jkun *unsafe* li tagħti piż lill-istqarrijiet. Din hija raġuni oħra għala ma jkunx fl-interess tas-sewwa illi l-istqarrijiet jitneħħew mill-atti tal-proċess."**

**4**. Illi l-Qorti Kriminali għamlet is-segwenti osservazzjonijiet dwar dak deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali:

**"Illi din il-Qorti tinnota li din is-sentenza inghatat qabel id-Direttiva ta' l-Ewropea li tipprova dwar d-drit ta' assitenza legali waqt ir-rilaxx ta' stqarrija kif ukoll qabel ma l-kodici Penali nostran ma gie emendat bl-Att LI tas-sena 2016 u ghalhekk illum il-gurnata ic-cirkostanzi huma ftit**

**jew wiq differenti minn dawk li kienu vigenti quddiem dawk il-Qrati meta taw is-entenzi taghhom fis-snin 2012 u 2013. Dak iz-zmien meta gew rilaxjata l-istqarriji CP 1 u CP2 l-kodici penali nostran kien jipprovdi li qabel ma l-ufficcjal prosekutur jiehu stqarrija ta' indagat itih it-twissija skond il-ligi u cioe dik kontemplata skond l-artikolu 658 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta li tipprovdi s-segwenti:-**

***Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub, b' mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.***

**Din it-twissija ukoll ma kientix obbligatorja pero kienet necessarja f'kaz li l-indagat kien ser jallega li l-istqarrija giet *meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.* Din it-twissija kienet taghmilha aktar diffilci fuq l-indagat li jipprova l-allegat pressjoni uzata fuqu mill-ufficcjal investigattiv. Fil-fatt kif affermat fis-sentenzi Il-Pulizija vs Joseph Fenech u Il-Pulizija vs Richard Caruana l-istqarrija setghet tigi dikjarata inammissibli f'dawk il-kazijiet biss fejn jigi pruvat li l-istqarrija ittiehdet b'theddid *jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.***

**Pero ma kienx hemm fil-ligi statutorja kif hemm illum li indagat jew suspettat ghandu id-dritt li jkun assistit min avukat tax-xelta tieghu waqt ir-rilaxx tal-istqarrija u dan sabiex jigu kawtelati id-drittijiet tieghu ta' smiegh xieraq. F'dan ir-rigward illum il-gurnata sar hafna progress u hemm diversi sentenzi kemm nostrana kif ukoll Ewropej li trattaw dan il-kuncett u ghalhekk din il-Qorti ser tghamel referenza ghal uhud minnhom. Dawk applikabbli ghal kaz in desamina inkluz dawk fejn bniedem li fil-fehma ta' din il-Qorti huwa bniedem vulnerabbli u dan ghaliex ghandu slight mental retardation/ feeble mindedness skond dak li kkonkluda l-eseprt nomiant mill-Qorti Dr Vella Baldacchino. Jirrizulta li l-akkuzat meta irrilaxxja is zewg stqarijiet CP1 u CP2 ma inghatax id-dritt li jkun assistit minn avukat u dan id-dritt gie ukol priv lilu meta l-allura ufficcjal prosekutur Chris Pullicino ghamel ir-recording dok CP.**

**Din il-Qorti identifikat iz- zewg stqarrijiet u cioe dawk markati bhal dok CP1 u CO2 ghaliex dawn huma dawk l-istqarrijiet li irrilaxja l-akkuzat fejn huwa wiegeb ghad-domandi li gew imposti lilu mil-ufficcjal prosekutur. Ghad - diferenza tad-dokument CP li huwa dokument li fih rakkont redatt mill-allura spettur Christopher Pullicino**

**fuq dak li allegatament qallu l-akkuzat b'xi affarijiet (u dawn mhumiex mgharufa) addizzjonali. Ma hiex stqarrija tradizzjonali fi forma ta' domandi u twegiba izda rakkont maghmul minn ufficcjal investigattiv fejn l-indagat kien iddikjara jekk jaqbilx jew le. Pero l-kontenut tad-dikjarazzjoni ma saritx mill-akkuzat. L-akkuzat qed jitlob l-isfilz ta' dawn id-dokumenti ukoll fit-talba tieghu stante li dok CP1 u CP2 ingahtaw meta l-akkzuat ma kienx legalment assistit u meta lanqas mainghta il-fakolta li jkun assistit filwaqt li dok CP ma hux stqarrija tal-akkuzat izda huwa rakkont tal-ufficcjal investigattiv fejn allegtament l-akkuzat jiddikjara li qed jaqbel mieghu.**

**Illi kien hemm zvillup sinifikanti fil-gurisprudenza Maltija dwar id-dritt tal-assistenza ta' Avukat matul l-pendeza ta' din il-kawza, liema gurisprudenza kienet u ghada f'xi waqtiet konfliggenti."**

**5**. U minn hawn il-Qorti Kriminali għamlet rassenja ta' ġurisprudenza in materja kemm tal-Qorti Kostituzzjonali, kif ukoll tal-QEDB, bl-iżviluppi li seħħew fuq il-*quid iuris* tal-valur probatorju ta' dawn l-istqarrijiet wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-2013 hawn fuq iċċitata. Abbażi tal-istess kienet tal-fehma illli għalkemm ma setgħatx tiddetermina jekk il-jedd ta' smigħ xieraq tal-appellat kienx vjolat jew x'aktarx kien ser ikun vjolat bl-ammissjoni tal-istqarrijiet tiegħu bħala prova, madanakollu "***gialadarba dan il-guri ghadu ser jibda jinstema', din il-Qorti hija tal-fehma li fl-interess tal-gustizzja u l-integrita tal-process, ghandha tordna l-isfilz tal-istqarriji rilaxxata mill-akkuzat. Dwar id-document CP ukoll Tordna li dan jigi sfilzat statne li ma jammotnax ghal prova ammissibli stante li dan id-dokument ma jikkonsistix fi stqarrija ta' akkuzat izda riassunt maghmul mil-ufficcjal prosekutur.***[1]"

**6.** Illi l-appellat jilqa' għal dan l-aggravju billi jinvoka favur tiegħu s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, kif diversament komposta, fl-appell fl-isimijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef et*** fejn kien deċiż punt

[1] Sentenza appellata

konsimili dwar ir-*res judicata* ta' eċċezzjoni dwar l-inammissibilta' tal-istqarrija bħala prova fil-proċess penali. Jikkontendi illi l-kunċett tal-ġudikat ma jistax isib applikazzjoni fil-każ in disamina wkoll għaliex il-forum fejn il-materja kienet deċiża kien differenti, bil-Qorti Kostituzzjonali tiddeċiedi l-ilment ta' lezjoni ta' smigħ xieraq u bil-Qorti Kriminali ma tiddeterminax dan il-punt iżda eċċezzjoni ta' amissibbilita' ta' prova fit-termini tal-artikolu 449 tal-Kodiċi Kriminali. Illi s-sentenza *Rio Micallef* tesponi dan l-insenjament dwar il-ġudikat meta hemm deċiż:

**"XIII. Il-gudikat fis-sistema guridiku taghna:**

**1. Il-gudikat huwa kwistjoni ta' ordni pubbliku mahsub sabiex jiskansa sitwazzjonijiet fejn persuna tipproponi ghad-decizzjoni tal-Qorti, vertenza, jew f'dan il-kaz eccezzjoni, tal-istess natura wara li din tkun ghaddiet mill-istadji kollha miftuha ghall-parti, igifieri f'kaz ta' appell jew tkun iddekadiet mill-fakolta' li tinterponi appell dwarha.**

**Illi kif ritenut fil-kaz Dr. Herrera noe vs Cassar noe mill-Qorti tal-Appelli Kummercjali, datat l-5 t;Ottubru, 1992: "... l-exeptio rei judicatae ghandu bhala fundament il-fatt ta' l-interess pubbliku, u wkoll ghaliex interest re publicae ut sit finis litium. Sentenza li ghaddiet in gudicat, igifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq – res judicata pro veritate habetur – jigifieri l-fundamen ta' l-action u tal-exceptio judicati hija preskrizzjoni legali u ghalhekk hija strictissimae interpretationis.**

**Illi ghalhekk l-effett retroattiv ta' sentenza hu eskluz ghal dawk il-kazijiet li jkunu gew decizi b'mod finali.**

**Illi kif jirritjenu l-Harris, O'Boyle u Warbrick f'Law of the European Convention on Human Rights, Oxford University Press, 2009, p.269: "The right to a fair hearing also requires that, in accordance with the principles of res judicata, the judgement of the final court that decised a case should be rirreversible, in accordance with the principle of legal certainity. (Ivan Cauchi vs Avukat Generali 64/2011 – PA (Gur Kost) 8.11.2012)**

**2. Il-kuncett tal-gudikat japplika wkoll ghall-kawza kriminali u dan mhux ghal beneficcju tal-akkuzat biss (Carmel Joeph Farrugia vs L-Avukat Generali – 35/2011 /l PA (Gur Kost) 29.10.2012). Japplikaw**

ghalhekk l-istess rekwiziti u jehtieg li jkun hemm il-konkorrenza tat-tlett elementi: eadem res, eadem personae u eadem causa petendi. .....

3. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjoniali fil-25 ta' Jannar, 2013 fl-ismijiet John Camilleri vs Avukat Generali 28/2010/1 insibu in rassenja l-elementi utili li jolqtu wiehed mill-elementi tal-gudikat, u li din il-Qorti ser taghmel referenza ghalihom, fejn kien ritenut hekk:

[21) In tema legali, huma relevanti s-segwenti principji guridici regolanti l-materja u li gew abbracjati fil-gurisprudenza nostrana.

[22] Illi l-identita' tad-domandi fiz-zewg kawzi ma hemmx ghalfejn tkun assoluta, basta li jkun hemm identita' fuq il-punt kontrovers li fit-tieni kawza jidhol bhala parti ntegrali tal-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel kawza. Il-gudikat jifforma ruhu mhux biss ghar-rigward ta' dak li gie diskuss espressament, imma anke ta' dak li messu gie diskuss u ma giex diskuss mill-parti li kellha tiddisktih biex issostni d-domanda jew l-eccezzjonijiet taghha; ukoll, il-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-divesita ta' motivi tal-cause petendi. Hemm gudikat implicitu meta d-decizzjoni tkun konsegwenza necessarja tad-disposizzjoni espressa, ghax il-volonta' tal-gudikant tista tittiehed anke mill-konsiderandi tas-sentenza. Il-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu ghall-azzjoni kien messha jew setghet giet sollevata in relazzjoni ghall-azzjoni stess. Finalment, jinsab ritenut li "Ma jistax ikun lecitu lill-appellant li jerga' jipproponi l-istess precedenti billi jgib 'il quddiem ragunijiet jew provi li kien jaf bihom, u li seta' u messu jgib fil-kors tal-process l-iehor. Jekk ma ghamilx hekk imputet sibi; u s-sentenza precedenti ma tistax tigi injorata u mqieghdha fil-genb ghar-ragunijiet pre-ezistenti ghall-prolajzzjoni taghha".
.....

5. Ezaminata l-kwistjoni hawn devoluta mill-ottika tal-insenjament appena citat, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-identita' fil-causa petendi bejn l-ewwel u t-tieni sentenza ma tistax tkun facilment mqiegdha f'kompartamenti separati. Meta wiehed jitkellem fuq l-identita' dwar il-punt kontrovers jista' facilment jikkonkludi illi l-punt diskuss sia fl-ewwel kif ukoll fit-tieni sentenza kien l-istess, igifieri ir-rimozzjoni tal-istqarrijiet mill-atti processwali. Ma' dan, izda, jorbot it-tieni element emergenti mis-sentenza citata ghaliex fl-ewwel sentenza qatt ma seta kien diskuss *u ma kienx diskuss mill-parti li kellha tiddiskutieh biex isostni d-domanda jew l-eccezzjoni taghha*. Dan ghaliex id-domanda tal-akkuzati Rio Micallef u Darren James Vella kienet posutlata fit-termini tal-quid juris f'dak iz-zmien fejn il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem kienet tat rimedji ghall-cirkostanzi konsimili bhal fil-kaz Salduz vs Turkey [GC] 36391/02 u ohrajn u l-Qorti Kostituzzjonali

**kienet tirritjeni mod iehor bhala fil-kaz ta' Charles Steven Muscat. Infatt din l-ahhar sentenza kienet il-motivazzjoni ghaliex kienet michuda it-talba tal-akkuzati fl-ewwel sentenza lura fis-sena 2015;**

**6. Minn dak iz-zmien sakemm l-akkuzati regghu ressqu eccezzjoni dwar l-istqarijiet taghhom kien hemm zvilupp djametrikament oppost emergenti mill-Qorti Kostituzzjonali billi dawk il-linji gwida minnha precedentement mfassla kwantu jolqtu stqarrija maghmula minghajr assistenza legali twarrbu mill-istess Qorti meta fis-sentenza Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et tat-3 ta' Mejju 2016 irriteniet illi *Fic-cirkostanza din il-Qorti hi tal-fehma li ma jkunx ghaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni taghha, ghalkemm ittenni li ghadha tal-fehma illi hija interpretazzjoni sostenibbli u ta' buon sens.* Din il-Qorti taghmel piena referenza ghat-tieni sentenza fejn hemm, b'mod incensurabbli, in rassenja l-izvilupp gurisprudenzjonali sia Kostituzzjonali kif ukoll Konvenzjonali dwar id-dritt ta' assistenza legali fl-istadju pre-trial.**

**7. Brevement rakkontata is-sitwazzjoni qabel l-2002, fil-kwistjoni tal-istqarrija fil-pre trial stage, persuna arrestata ma kellha ebda jedd ghall-xi forma ta' assistenza legali sakemm iddum arrestata inkluz waqt l-interrogatorju. L-Att III tal-2002 imbaghad introduca fis-sistema legali taghna forma ta' dritt ta' assistenza legali billi ta il-jedd li persuna arrestata tkun intitolata titkellem wicc imm'wicc jew bit-telefon ma' avukat jew prokuratur legali ghal mhux aktar minn siegha zmien ex artikolu 355 AT tal-Kap 9. Dan il-jedd ma dahalx fis-sistema legali taghna minghjar skossi ghaliex l-artikolu 355 AU imbaghad holoq id-dritt tal-inferenza, igifieri, li f'kaz fejn l-arrestat ikun utilizza d-dritt li jikkonsulta mal-legali tieghu, ikun naqas milli jsemmi fatti li ragonevolment ikun mistenni li jsemmi, l-Qorti, allura fi stadju wara l-pre trial stage, "*tista taghmel dawk l-inferenzi minn dan in-nuqqas bhala jidhru xierqa, liema inferenzi ma jistghux wahedhom jitqiesu bhala prova ta' htija izda jistghu jitqiesu bhala li jammontaw ghal korroborazzjoni ta' kull xhieda ta' htija tal-persuna akkuzata jew imputata*". Dan kien ifisser illi ma tistghax issir tali inferenza f'dak il-kaz li l-persuna arrestata tghazel li ma tghamilx uzu mill-jedd ghall-assistenza legali. Mqabbla dawn il-provvedimenti mad-Direttiva numru 2013/48/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt ghall-assistenza legali waqt l-arrest, kien hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti dakinhar taht il-ligi taghna, kien ristrett ghal siegha qabel l-interrogatorju u b'hekk kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat kien soggett ghal-mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel**

**li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor. Tajjeb li jkun rilevat ukoll illi l-Att III tal-2002 ma dahalx fis-sehh qabel is-sena 2010;**

**8. Gara, izda, illi l-Att LI tal-2017 biddel l-Artikolu 355AT u l-Artikoliu 355 AU meta dahal fil-kodici id-dritt tal-assistenza legali kif postulat fid-Direttiva 2013/48 EU. Dawn l-emendi dahlu fis-sehh permezz tal-Avviz Legali 401/2016, igifieri ferm wara l-ghoti tal-ewwel sentenza. Tajjeb li jinghad ukoll illi bis-sahha tal-Avviz Legali 102/2017 maghmulha taht il-Kodici Kriminali, kienu 28 introdotti fis-sistema legali taghna ir-Regolamenti dwar il-procedura waqt l-interogazzjoni ta' persuni suspettati u persuni akkuzati;**

**7.** Illi fil-każ issa taħt il-lenti tal-Qorti, kif tajjeb issostni l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, fiż-żmien li l-appellat irrilaxxa l-istqarrijiet tiegħu huwa ma kellu jedd għal ebda forma ta' assistenza legali, liema assistenza bdiet tingħata, għalkemm mhux b'mod sħiħ, fis-sena 2010 kif tajjeb traċċat fis-sentenza *Rio Micallef* hawn fuq iċċitata. Meta allura ntalbet li ssir ir-referenza kostituzzjonali mill-appellat, kien qed jibda jkun introdott fis-sistema leġislattiv penali dan l-iżvilupp, mhux biss legali iżda ġurisprudenzjali, bil-QEDB tenfasizza l-ħtieġa illi s-suspettat ukoll ikollu jedd għad-difiża meta interrogat billi f'dan l-istadju hekk imsejjaħ *pre-trial*, dak kollu dikjarat mill-persuna suspettata, allura għadha preżunta innoċenti u bil-jedd għas-silenzju, tista' tintuża bħala prova fil-proċess penali li imbagħad jkun istitwit fil-konfront tagħha. Illi madanakollu wara li l-Qorti Kostituzzjonali ippronunzjat ruħha dwar jekk l-istqarrijiet meħuda mill-appellat kenux leżivi tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, seħħew żviluppi oħra sostanzjali kemm leġislattivi bl-introduzzjoni tal-Att LI tal-2016, kif ukoll żviluppi oħra fil-ġurisprudenza in materja kemm mill-Qorti Kostituzzjonali stess, li tbiegħdet **in parte** mill-ħsieb espress fis-sentenza mogħtija fil-konfront tal-appellat, iżda ukoll mill-QEDB, kif tajjeb espost mill-Qorti Kriminali fis-sentenza impunjata.

**8.** Illi dan ifisser illi huwa l-element tal-identita' tal-oġġett fiż-żewġ kawżi meħtieġ sabiex jissussisti il-ġudikat, li jinsab taħt kontestazzjoni, bl-appellant Avukat Ġenerali isostni illi l-vertenza diġa' kienet deċiża, u bl-appellat minn naħa l-oħra isostni l-kuntrarju, wkoll għaliex jisħaq illi l-qrati huma differenti b'kompetenza distinta u bil-mertu li huwa devolut għal ġudizzju tagħhom differenti. Issa huwa indubitat illi l-appellat sejjes l-eċċezzjoni ulterjuri minnu ventilata dwar l-inammissibilta' tal-istqarrijiet tiegħu bħala prova in atti, mhux abbażi ta' xi regola tal-liġi penali li teskludi l-produċibilita' tagħhom, iżda qiegħed ifittex r-rimedju ordinarju għal lanjanza purament ta' natura kostituzzjonali. Illi anke l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata tikkonċedi illi l-istqarrijiet saru in konformita' mal-leġislazzjoni penali applikabbli fiż-żmien relevanti. Illi ukoll jidher illi l-Ewwel Qorti ordnat l-isfilz ta' din il-prova magħmula permezz tal-istqarrijiet tal-appellat biss bħala rimedju pre-kawzjonali u mhux għaliex qieset xi kwistjoni dwar lezjoni tal-jedd tal-appellat għal smigħ xieraq. Dan għamlitu għaliex, fil-fehma tagħha, għalkemm din il-kwistjoni kienet deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali, madanakollu ġaldarba, kif ingħad, illum seħħ żvilupp legali u ġurisprudenzjali in materja, ma jistax jkun eskluz illi l-ezami li issa qed jkun imqiegħed fil-hoġor tal-qrati dwar l-*overall fairness of the proceedings* ma jkunx superat.

**9.** In meritu għall-kunċett tal-ġudikat ġie deċiż illi, "***kif ingħad f' għadd ta' deċiżjonijiet l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f' sentenza. Li tbiegħed il-possibilita` ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita` ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza li tkun ingħatat***[2]." Madanakollu

[2]- "Carmelo D' Amato et -vs- Carmelo Camilleri", Qorti Civili, Prim' Awla, per Imhallef J. R. Micallef, 10 ta' Jannar 2002

ġie affermat ukoll illi *"**biex r-res judicata tigi eccepita b' success jehtieg li c-cirkostanzi rilevanti tal-kaz jibqghu l-istess bhal dawk tal-kaz ta' qabel. Jekk ikun hemm tibdil fic-cirkostanzi jigi li s-sentenza ta' qabel ma titqiesx ta' ostakolu ghar-riproposizzjoni tat-talba**[3]."*

**10**. Illi dan ifisser illi għalkemm il-kwistjoni dwar jekk l-istqarrijiet rilaxxati mill-appellat kienux minnu rilaxxati bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, kienet determinata bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li applikat il-principji ta' dritt konvenzjonali u kostituzzjonali li kienu fis-seħħ f'dak iż-żmien, madanakollu, kif ingħad, minn dak in-nhar seħħew żviluppi oħra, bl-iktar wieħed sinifikanti jkun l-introduzzjoni fis-sistema penali proċedurali tal-jedd għall-assistenza legali tal-persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat waqt l-interrogazzjoni[4]. *"**M'huwiex ghalxejn li l-ligi tipprovdi li s-sentenza ghandha tkun motivata u li jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-decizjoni taghha. Huwa minhabba dawk ir-ragunijiet li wiehed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' l-kawza kif fil-fatt qatghetha. Kien ghalhekk li jinghad li d-dispozittiv ta' sentenza m'ghandux jittiehed separatament mill-motivat, imma ghandu jigi minn dan definit u spjegat**"[5].*

**11**. Illi fuq kollox il-Qorti Kriminali qatt ma tista' tkun imsejħa biex tiddeċiedi kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali billi taqa' 'l hinn mill-kompetenza tagħha penali u kwindi ma jistax jingħad illi l-istess *causa petendi* bħal dik deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali qed tkun riproposta quddiemha billi l-appellat qiegħed jipproponi f'din l-istanza l-kwistjoni ta' inammissibilita' ta' prova, għalkemm kif ingħad, il-qafas ġuridiku wara l-propproniment tal-eċċezzjoni ulterjuri tidher li hija l-istess. Dan apparti il-fatt illi punt kontrovers diskuss fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ħa bixra differenti

---

[3] DIFESA JOSEPH vs L-AWTORITA TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR -Appell Inferjuri 06/04/2005
[4] Att LI tal-2016
[5] Cortis Charles vs Aquilina Francis X et. deċiża Prim'Awla 25/09/2003

illum il-ġurnata bil-bdil leġislattiv u ġurispridenzjali li seħħ, apparti il-fatt illi, kif ingħad, il-qrati li quddiemhom qed ikun mressaq dan id-dibattitu legali għandhom kompetenza differenti u setgħat differenti kif ċirkoskritti bil-liġi.

**12**. Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-ewwel aggravju imressaq mill-Avukat Ġenerali qed ikun jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

**13**. Illi l-Avukat Ġenerali joġġezjona għar-rimossjoni mill-atti tal-istqarrijiet tal-appellat u dan meta ma qabilx mal-motivazzjonijiet li wasslu lil Qorti Kriminali għad-deċiżjoni tagħha li twarrab din il-prova mill-atti. L-Avukat Ġenerali jistrieħ fuq il-linja ġurisprudenzjali li qed tittieħed mill-QEDB in materja, b'mod ewlieni fis-sentenzi ta' *Beuze vs il-Belġju*, *Farrugia vs Malta* u l-aktar waħda reċenti *Mark Charles Kenneth Stephens vs Malta*, fejn kien deċiż illi l-Qorti għandha taddotta il-prinċipju tal-'*overall fairness of the approach*'.

**14**. Ma qabilx ukoll mal-fehma tal-Qorti Kriminali meta din iddeċidiet illi kien ikun perikoluż li l-ġurija popolari tistrieħ fuq dawn l-istqarrijiet bħala prova u dan għaliex fl-ewwel lok l-akkużat, kuntrarjament għal dak deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali, ma kellux il-fakulta' li jikkonsulta ruhu ma' avukat b'mod effettiv wara li kien mitkellem mill-pulizija għall-ewwel darba, iktar u iktar minħabba il-vulnerabbilta' tiegħu bħala persuna b'intelliġenza baxxa. Ma qabilx mal-fehma tal-Qorti illi l-gurija, komposta minn persuni mingħajr qafas legali, ma kenux ser jifhmu l-import u l-piż ta' nuqqas ta' assistenza legali li kellu l-appellat meta irrilaxxa l-istqarrijiet tiegħu. Finalment lanqas jaqbel mal-fehma tal-Ewwel Qorti meta din qieset lill-appellat bħala persuna vulnerabbli minħabba il-fatt li jsofri minn *IQ* baxx

u li b'fedina penali nadifa lanqas ma kellu esperjenzi preċedenti ta' investigazzjonijiet u interrogazzjonijiet. Fil-fehma ta'l-Avukat Ġenerali dawn il-fatturi mhux neċessarjament ixejjnu l-valur probatorju tal-istqarrijiet u dan meta d-direzzjoni li qed tingħata illum hija illi jrid jingħata qies tal-proċeduri kriminali fit-totalita' tagħhom u mhux unikament dawn in-nuqqasijiet ravviżati mill-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha.

**15.** Jirriżulta minn eżami ta'l-atti illi l-appellat Carmel Camilleri kien interrogat diversi drabi mill-pulizija dwar l-omiċidju tal-Baruni Francis Sant' Cassia. L-ewwel darba li kien mitkellem mill-pulizija kien fil-05 ta' Ottubru 2004 u dan wara informazzjoni kunfidenzjonali miksuba mill-investigaturi minn għand ċertu Michael Vella li l-appellat seta' kien involut f'dan il-qtil. Mix-xhieda tal-Ispettur Christopher Pullicino mogħtija quddiem il-Qorti Istuttorja fil-11 ta' April 2006[6], sa dan il-mument l-appellat ma kienx qed ikun meqjus bħala suspettat u għalhekk ma jidhirx illi kien inghata xi twissija qabel ma kien intervistat. F'dan il-jum kien mitkellem ta' fuq fuq u fil-qosor fejn huwa indika xi persuna oħra li setgħet kienet involuta, u għalhekk minn hawn il-pulizija jidher li komplew bl-istħarriġ tagħhom fuq din l-informazzjoni. Dawn l-investigazzjonijiet iżda kellhom riżultat fin-negattiv u għalhekk il-pulizija reġgħu bagħtu għall-appellat fis-06 ta' April 2006, meta dak in-nhar biddel il-verżjoni tiegħu tal-fatti u kien hawnhekk wara li kien diġa kien ntervistat għat-tieni darba li l-interrogatur ħass li kellu jagħtih it-twissija li kienet viġenti dak iż-żmien. Igħid hekk l-Ispettur Christopher Pullicino fid-deposizzjoni tiegħu quddiem l-Istruttur:

**"Eventwalment fis-06 ta' April 2006, l-istess Carmelo Camilleri ergajt tlabtu jigi d-depot b'mod ta' attendenza volontarja u hekk kif wasal l-ufficcju staqsejtu jekk jiftakarx x'kien qalli xi xhur qabel meta kont bghatt ghalih eventwalment iktar minn sena qabel, x'kien qalli dak in-nhar fl-2004. L-imputat wehel, baqa jhares lejja, beda jghid storja kompletament**

[6] Ara xhieda Volum 1 tal-atti kumpilatorji a fols. 17 et seq.

**differenti minn dak li kien qalli dak inhar u allura dak il-hin tajtu s-solita twissija u ghidtlu li jien ma kontx qed nemmnu f'dak li kien qed ighid u li l-informazzjoni li kellna l-pulizija kienet li kien hu stess li kien spara ghall-Baruni Sant' Cassia."**

**16**. Minn hawn 'il quddiem l-appellat jammetti mal-Ispettur Christopher Pullicino li kien hu li spara u qatel lil Sant' Cassia u dan wara li kien ingaġġat minn terza persuna, ċertu Anġlu, li kien identifikat mill-pulizija bħala Angelo Muscat mill-Imġarr, li wiegħdu il-ħlas ta' somma flus sabiex jeżegwixxi l-qtil. L-appellat la kien jaf jaqra u lanqas jikteb u fil-fatt l-istqarrijiet meħuda fis-06 u is-07 ta' April 2006 ma kienux minnu iffirmati. L-għada fit-08 ta' April 2006 l-iSpettur Christopher Pullicino jerġa jinterrogah u din id-darba l-istqarrija tkun irreġistrata fuq *tape recorder* fejn essenzjalment l-Ispettur jerġa' jaqralu l-istqarrijiet mogħtija preċedentement u Camilleri kemm jikkonferma il-kontenut tagħhom u jkun mistoqsi xi domandi oħra, iżda ir-risposti jkunu xotti u fil-qosor. Dawn l-istqarrijiet huma eżebiti bħala Dokumenti CP1 u CP2, u Dokument CP hija ir-reġistrazzjoni ta'l-aħħar interrogatorju.

**17**. Wara dan, l-appellat kien imressaq il-Qorti u mixli bil-qtil tal-Baruni Francis Sant' Cassia u hekk kif tibda il-kumpilazzjoni d-difiża titlob il-ħatra ta' espert psikjatriku sabiex jirrelata dwar l-istat ta' saħħa mentali tal-appellat, imputat f'dawk il-proċeduri. Kien maħtur l-espert psikjatriku Dr. Joseph Spiteri li jirrelata illi meta kellem lill-appellat ġewwa il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, billi f'dak iż-żmien kien miżmum taħt arrest preventiv, deher anzjus ħafna pero' ma deherlux li dan kien afflitt minn xi mard mentali u għalkemm jikkonferma li l-appellat huwa bniedem illiterat, madanakollu dehrlu li kien kapaci jifhem sewwa dak li kien qed jiġri u rrisponda għad-domandi li kien qed jgħamillu. Ma kien hemm ebda sintomi ta' depressjoni, ta' delusjonijiet jew ta' xi psikosi. Mistoqsi mid-difiża dwar il-kwozjent ta'

intelliġenza (IQ) tiegħu, iwieġeb illi din hija 'tikka baxxa', tant illi "trid tfehmu ċar dak li qed jiġi lilu mistoqsi u jirrispondi bil-mod". Jikkonferma illi ma għamillux *IQ testing*.[7]

**18.** Illi meta tingħalaq il-kumpilazzjoni u jinħareġ l-Att t' Akkuża d-difiża terġa' titlob il-ħatra ta' espert psikjatriku biex jirrelata dwar il-kwozjent ta' intelliġenza (IQ) tal-akkużat. Jinħatar l-espert psikjatriku Dr. Joseph Vella Baldacchino li fir-rapport tiegħu fil-21 ta' Mejju 2009 jikkonkludi hekk:

**"Mill-intervista mal-imputat, mill-ezami psikiku u mis-smiegh tax-xhieda, jirrizulta illi s-sur Camilleri ghandu livell ta' intelligenza baxxa fi grad hafif (mild). Dan jirrizulta mill-fatt illi s-sur Camilleri juza lingwagg semplici u ghandu nuqqas ta' kapacita' verbali. Ma jesprimix ruhu b'mod spontaneju u hafna drabi idum jahsibha biex jirrispondi ghad-domandi tieghi. Hareg car mix-xhieda tal-mara u ta' uliedu illi s-sur Camilleri kien minn dejjem jigi abbuzat mill-familjari tieghu, inkluz missieru u ommu u mill-girien, fis-sens illi ma kienx kapaci jiddefendi lilu nnifsu u lanqas il-familja tieghu. Kemm il-darba gie intimidat u aggredit sahansitra fizikament minn tfal u qatt ma kien jirreagixxi. Spiss kien jibza u jispicca jobdi minhabba dawn l-intimidazzjonijiet.**

**Ghaldaqstant giet mitluba l-ghajnuna ta' psikologu biex b'mod formali u strutturat, jigi evalwat il-livell ta' intelligenza ta' dan l-individwu, peress li dan ta'l-ahhar kien inalfabeta u ma kellux hiliet numerici. Minn certu testijiet li jinkludu skali verbali u ohrajn li jevalwaw il-prestazzjoni, jirrizulta li s-sur Camilleri ghandu kwozjent intellettiv (full scale) ta' 50, dak verbali ta' 55 u dak tal-prestazzjoni ta' 53.**

**Ghaldaqstant jirrizulta illi s-sur Camilleri ibati minn kundizzjoni ta' ritard mentali ghax skond klassifici internazzjonali (ICD10 u DSMIV), individwu li jkollu kwozjent ta' intelligenza li tvarja minn 50-55 ikollu grad hafif. Individwi b'dan il-livell ta' intelligenza jigu kkunsidrati li ghandhom eta mentali ta' bejn 9 u 12-il sena. Dawn l-individwi ikollhom problemi ta' taghlim fl-iskola u meta isiru adulti, xorta ikunu jistghu jahdmu u jzommu relazzjonijiet socjali tajbin kif ukoll jistghu jikkontribwixxu lis-socjeta. Minkejja n-nuqqas ta' edukazzjoni u in-nuqqas ta' kapacita intellettiva, huwa paradossali kif din il-persuna kienet kapaci trabbi familja ta' hamest itfal minkejja d-diffikultajiet kollha.**

---

[7] Ara xiehda Volum 1 tal-atti kumpilatorji pagna 11 sa 16.

**<u>Konkluzzjoni</u>.**
**Johrog car li l-imputat, is-sur Carmelo Camilleri ghandu livell ta' intelligenza baxx fi grad hafif (mild mental retardation/feeble mindedness) u ghandu kwozjent ta' intelligenza (IQ) ta' bejn wiehed u iehor 50.[8]"**

**19**. Issa kif tajjeb irrimarkat il-Qorti Kriminali, l-appellat ma kellu jedd għal ebda forma ta' assistenza legali meta rrilaxxa l-istqarrijiet tieghu fis-sena 2006, billi f'dak iż-żmien il-liġi viġenti kienet tipprekludi dan id-dritt b'mod sistematiku. Illi kien biss fl-10 ta' Frar tas-sena 2010 li daħal fis-seħħ l-artikolu l-ġdid maħluq bl-Att III tal-2002 fejn *"il-persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzata għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat u prokuratur legali , wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux aktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-sub-artikolu."* Bl-Att LI tal-2016, imbagħad, daħal fil-liġi penali il-jedd li persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat ikollha avukat tal-fiduċja tagħha preżenti flimkien magħha waqt l-interrogatorju.

**20**. Illi huwa ndubitat illi fir-rigward ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet miksuba waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija tal-persuna suspettata bil-kumissjoni ta' reat, iżda li għadha ma kientx mixlija l-Qorti, dawn l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet ġaladarba jikkostitwixxu prova fil-proċess penali, għandhom jittieħdu skont il-liġi. Stqarrijiet jew dikjarazzjonijiet hekk imsejjħa '*pre-trial*', miksuba bi vjolazzjoni ta' dritt għandhom ikunu skartati billi nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju. Din ir-regola hija mfassla, fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali[9].

---

[8] Rapport ezebit Atti quddiem il-Qorti Kriminali a fols 40 et seq tal-proċess

[9] Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub,b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet

**21**. Illi kif ġie senjalat *funditus* fil-paragrafi preċedenti, l-pożizzjoni ta' dritt li tirregola it-teħid ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mis-suspettat taħt id-dritt penali nostran ra żviluppi sostanzjali fi snin reċenti. Illi, kif diġa' ingħad, fiż-żmien meta l-akkużat kien arrestat u interrogat lura fis-sena 2006, huwa ma kellu jedd għal ebda forma ta' assistenza legali billi l-liġi kienet teskludi dan id-dritt b'mod sistematiku. Huwa indubitat ukoll, u dan mingħajr ma din il-Qorti tinoltra ruħha fil-mertu tal-każ, illi dawn l-istqarrijiet huma prova ferm determinanti f'dan il-proċess bl-appellat jiddikjara li huwa kien involut fil-qtil tal-Baruni Sant' Cassia. Kif inhu indubitat ukoll illi qabel irrilaxxa dawn l-istqarrijiet ingħata t-twissija skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien. Iżda f'dan il-każ il-Qorti ma tistax tieqaf hawn u tghaddi biex tikkonkludi illi l-prova tiswa skont il-liġi, kif qed jistedinha tagħmel l-Avukat Ġenerali. Illi dan għaliex fil-kors tal-investigazzjonijiet, fil-fehma ta' din il-Qorti, seħħew ċertu nuqqasijiet li bid-dovut rigward, lanqas ma kienu meħuda in konsiderazzjoni fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali lura fis-sena 2013. Dan qed jingħad għaliex meta l-appellat kien l-ewwel darba mitkellem mill-pulizija f'Ottubru tas-sena 2004, huwa ma kienx qed ikun meqjus bħala suspettat u allura lanqas ma jidher li kien ingħata t-twissija li kienet viġenti f'dak iż-żmien. Jidher li lanqas meta reġa kien mitkellem għat-tieni darba, sena u nofs wara, fis-sena 2006, u allura qabel ma kienu rilaxxati l-istqarrijiet mertu ta' dan il-każ, ma kien mogħti twissija mill-ufficjal investigattiv, għalkemm sa dak iż-żmien kien qed jirriżultalhom illi l-informazzjoni mogħtija mill-appellat fl-ewwel intervista ma kenitx qed treġi. Fil-fatt l-appellat imur b'mod volontarju biex ikun mitkellem, meta mistieden jagħmel dan, u sa hawn allura lanqas kien qiegħed taħt arrest. L-Ispettur Pullicino fil-fatt jerga' jibda jintervista lill-appellat, mingħajr twissija, u jgħid li meta induna li dan

maghmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

beda jħawwad, imbagħad finalment ħass li kellha tingħata twissija. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, dan kien tard wisq, għaliex l-appellat bil-verżjonijiet kontradittorji li kien għamel fl-intervisti li sarulu preċedentement kien diga' ġab il-ġebla fuq saqajh u allura spiċċa ddikjara l-involviment tiegħu meta kien ikkonfrontat mill-investigatur bl-allegazzjoni li kien qed jigdeb. Dan kollu sar mingħajr ma l-appellat ingħata xi forma ta' assistenza legali tant illi xi jiem wara tressaq il-Qorti b'arrest mixli bil-qtil ta' Sant'Cassia.

**22**. Abbinat ma' dawn il-fatti probatorji il-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi l-appellat huwa bniedem bi kwozjent ta' intelligenza baxxa, tant illi l-espert psikajtriku Vella Baldacchino jiddikjara li huwa ibati minn kundizzjoni ta' ritard mentali u allura minn diżabilita' intellettiva. Il-Qorti għalhekk hija perplessa kif l-istqarrijiet Dokumenti CP1 u CP2 fihom rakkont dettaljat u inninterrot mill-appellat, meta kull espert li tkellem mal-appellat isostni illi huwa saħansitra ibati biex jitkellem u jesprimi ruħu, trid tfhiemu b'mod ċar dak li qed ikun mistoqsi u anke jdum jaħsibha sabiex iwieġeb. Tant hu hekk illi din it-titubanza fid-diskors temerġi imbagħad mir-reġistrazzjoni ta'l-ahhar intervista fejn l-interrogatur jaqralu l-ewwel żewġ stqarrijiet u huwa jikkonferma bil-kliem 'Iva' u 'Le' b'repetizzjoni ta'l-aħħar frażi li tkun għada kemm inqratlu. Kif inhi perplessa ukoll il-Qorti  illi kellha tkun l-aħħar stqarrija li kienet rreġistrata mill-investigaturi u ma tistax tifhem il-mottiv 'il għala lanqas l-ewwel tnejn, li kienu determinanti, ma kienu hekk irreġistrati ukoll.

**23.** Illi t-Tielet Skeda intestata "**Kodiċi ta' Prattika Għall-Interrogazzjoni ta' Persuni Arrestati**" fl-Att dwar il-Pulizija (Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta) jistabbilixxi dawk ir-regoli li għandhom ikunu osservati mill-interrogatur u dan sabiex l-istqarrija rilaxxata minn persuna arrestata tkun wahda konformi

mal-liġi. Dan għaliex kif hemm stabbilit fl-artikolu 2 ta'l-Iskeda dwar l-importanza tal-istqarrijiet:

**Billi l-istqarrija tal-persuna li tkun qed tiġi interrogata hija ta' importanza ewlenija bħala prova, hu importanti li ma jsir xejn matul l-intervista li jista', ukoll bl-inqas mod possibbli, jitfa' dubju fuq il-validità tal-istqarrija; u minħabba fl-importanza tal-istqarrija bħala prova, il-Qrati tagħna huma stretti u metikolużi fil-kriterji li huma adottaw biex jiżguraw li dikjarazzjoni tkun saret b'mod konformi mal-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali, jiġifieri li l-istqarrija tkun ġiet magħmula "volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġ."**

Jibda biex jingħad illi l-artikolu 8 li jitkellem dwar abbozzar ta'l-istqarrija jistabilixxi illi:

**Kemm jista' jkun, l-istqarrija għandu jkun fiha l-kliem eżatti li jintużaw minn min ikun suspettat, mingħajr ebda użu ta' vokabularju "uffiċjali".**

Illi imbagħad l-artikolu 17 jistabbilixxi dawk ir-regoli li jridu jiġu mħarsa u dan bi ħsieb speċjali għall-persuni b'diżabilita':

**17. L-interrogazzjoni ta' persuni b'diżabilità u persuni oħra**

**(a) Jekk l-uffiċjal tal-pulizija jkun jidhirlu li persuna li jkun beħsiebu jinterroga jkollha diżabilità intellettwali li jqajjem dubju dwar jekk il-persuna tistax tifhem il-mistoqsijiet li jsirulha, jew li tirrendi lill-persuna x'aktarx miftuħa għal suġġestjoni, l-uffiċjal għandu juża attenzjoni partikolari fil-mistoqsijiet li jagħmel u meta jkun qed jifli kemm għandu joqgħod fuq ir-risposti. Kemm jista' jkun, persuna b'diżabilità intellettwali għandha tiġi interrogata biss fil-preżenza ta' ġenitur, jew it-tutur tagħha jew xi persuna oħra, li ma tkunx membru tal-Korp tal-Pulizija, u li tkun tal-istess sess bħall-persuna li tkun qed tiġi interrogata, bħal min ikollu l-kura u l-kustodja effettiva tal-persuna b'diżabilità jew xi ħaddiem soċjali;**

**(b) dokument li jkun jirrapporta interrogazzjoni ma' persuna b'diżabilità intellettwali (wara li l-uffiċjal investigatur ikun aċċerta ruħu li l-persuna interrogata kienet kapaċi tagħmel l-istqarrija) għandu jiġi offrut għall-firma mhux biss tal-persuna b'diżabilità imma wkoll lil**

**ommu jew lil missieru jew lil xi persuna oħra li tkun qed issieħbu u li tkun preżenti waqt l-interrogazzjoni; għandu jittieħed ħsieb li jiġu verifikati l-fatti kollha dikjarati u li meta jkun possibbli tinkiseb korroborazzjoni;**

**(ċ) fil-każ ta' persuni potenzjalment vulnerabbli, (bħal persuni taħt l-influwenza ta' mediċinali, alkoħol, mediċina, jew li jkunu fi stat ta' xokk) għandhom jittieħdu prekawzjonijiet sabiex jiġi żgurat li l-istqarrija ssir minnhom meta jkunu kapaċi japprezzaw is-sinifikat tal-mistoqsijiet u tweġibiet tagħhom, u li l-istqarrija ma tkunx ir-riżultat ta' xi influwenza mhux dovuta mill-uffiċjal investigatur."**

**24**. Illi l-appellat, li jbati minn ritard mentali, li isibha diffiċli biex jifhem u jesprimi ruħu, u huwa bniedem illiterat, kien waħdu meta kien interrogat. L-appellat wasal biex rrinunzja għall-jedd tiegħu għas-silenzju f'ċirkostanzi fejn, jerġa' jingħad, ma kellu ebda forma ta' difiża, biex b'hekk fil-fehma tal-Qorti, dan jista' jissarraf f'preġudizzju irrimedjabbli. Dan fuq kollox għaliex kien biss meta rinfaċċjat mill-iSpettur Pullicino bid-dikjarazzjonijiet inkonsistenti mogħtija minnu meta kien intervistat, illi huwa inghata t-twissija viġenti f'dak iż-żmien li ma kienx obligat iwieġeb għad-domandi li ser isirilu u li dak li ser jgħid ser ikun reġistrat u jista' jinġieb bi prova kontra tiegħu. U għalkemm l-appellat huwa bniedem li jbati biex ifiehem lilu nnifsu, madanakollu joħroġ r-rakkont dettaljat li jemerġi mid-Dokumenti CP1 u CP2. Għal xi raġuni dawn ma jkunux reġistrati minnufih, iżda din ir-reġistrazzjoni issir biss wara meta l-iSpettur jaqralu dak li kien diġa' stqarr magħhom biex b'hekk il-Qorti u il-gurija mhux ser ikunu jistgħu jisimgħu l-mod kif wieġeb l-appellat għal mistoqsijiet li sarulu meta inkrimina ruħu. Din il-prova għalhekk hija waħda ferm determinanti f'dan il-proċess penali.

**25**. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi, għalkemm l-appellat issa ser ikun assistit minn avukat waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, u wkoll ser ikollu kull opportunita' li jressaq id-difiża tiegħu, dawn il-fatturi ma jistgħu bl-ebda mod iwarrab il-periklu ta' żbilanc bejn id-drittijiet tiegħu bħala l-persuna

akkużata fil-proċess ġudizzjarju u d-dritt tas-soċjeta li tara li l-proċess kriminali fl-omicidju tal-Baruni Francis Sant'Cassia isir skond il-ħaqq. Dan għaliex jekk dawn l-istqarrijiet jitħallew fl-atti, il-Prosekuzzjoni ser tressaq prova quddiem il-ġurati fejn l-appellat għamel dikjarazzjonijiet dwar il-każ inizjalment mingħajr ma ingħata ebda forma ta' twissija skont il-liġi bl-iskuża li f'dak l-istadju huwa ma kienx għadu qed ikun suspettat bil-kummissjoni tad-delitt. U għalkemm dawn d-dikjarazzjonijiet ma kienux reġistrati jew meħuda bil-miktub u eżebiti in atti, iżda jifformaw parti mix-xiehda tal-Ispettur Investigattiv, biex meta imqabbla ma' dak imbagħad dikjarat fl-istqarrijiet bil-miktub u reġistrati tista' tikkostitwixxi prova determinati. Dan kollu seħħ meta l-appellat ma kellu ebda forma ta' difiza sabiex b'hekk kellu id-dritt tas-silenzju u ma eżerċitahx, injar mill-konsegwenzi legali li dan seta' jġib miegħu biex b'hekk inkisbet prova ewlenija fil-proċess penali.

**26**. Illi hija l-fehma tal-Qorti allura, stabbilit li ma kienx hemm ragunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt ghall-assistenza legali jkun miċħud u adottat il-kriterju tal-"*overall fairness of the proceedings*" imfassal fil-każ *Beuze vs il-Belgju,* u oħrajn bl-istess ħsieb, għalkemm l-istqarrijiet mertu tal-appell inkisbu skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien, madanakollu dan ma jistax jeradika mill-fatt illi l-appellat irrilaxxa diversi stqarrijiet li l-Prosekuzzjoni bi ħsiebha tressaq bħala prova fil-ġuri, meta dawn kienu rilaxxati mingħajr ebda forma ta' għajnuna legali sabiex tiggwida lill-appellat, iktar u iktar meta huwa bniedem li jbati minn kundizzjoni ta' ritard mentali bi kwozjent ta' intelligenza baxxa sabiex inqas u inqas seta' jifhem il-konsegwenzi ta' natura legali tar-rinunzja tal-jeddijiet li tagħtih il-liġi.

**27**. Illi d-direzzjoni li qed tingħata illum mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija ċara u ċioe' illi kull każ irid jitqies għalih billi jkun mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk, bil-fatt illi l-persuna akkużata ma

kellhiex jedd għal ebda forma ta' assistenza legali, jew inkella, bil-fatt illi ma kellhiex l-avukat preżenti waqt it-teħid tal-istqarrija, għalkemm dik il-persuna tkun kisbet parir legali jew għall-inqas ingħatat il-jedd li jkollha dak il-parir, dan setax impinġa fuq is-smigħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha. F'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati ma jistgħu bl-ebda mod jkunu sanati għaliex l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrijiet tal-appellat, tant illi jkun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqhom meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom.

**28**. Illi allura għal motivi hawn fuq miġjuba jkun għaqli li f'dan l-istadju bikri tal-proċess ġudizzjarju, din il-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta'l-istqarrijiet li kienu rilaxxati mill-appellat eżebiti u immarkati bħala Dokumenti CP1, CP2 u CP, **u kull dikjarazzjoni verbali tiegħu** meta ma kellu jedd għall-ebda forma ta' assistenza legali, jkunu imwarrba u ma jinġiebux a konjizzjoni tal-ġurati matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, l-appell ta'l-Avukat Ġenerali qed ikun miċħud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier tagħha. Tibgħat l-atti lura lil Qorti Kriminali għal kontinwazzjoni tal-proċess penali kontra l-akkużat.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti**